31992R3224

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3224/92

ta' l-4 ta' Novembru 1992

li jikkorreġi r-Regolament (KEE) Nru 2342/92 fuq importazzjonijiet ta' annimali ta' razza pura ta' l-ispeċje bovina minn pajjiżi terzi u l-għoti ta' rifużjoni ta' esportazzjoni fuqhom u r-revoka tar-Regolament (KEE) Nru 1544/79

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju1968 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u tal-vitella [1], hekk kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2066/92 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(5) u 18 (6),

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2342/92 [3] issikka d-dispożizzjonijiet ta' kontroll fuq importazzjonijiet ta' annimali ta' razza pura ta' l-ispeċje bovina minn pajjiżi terzi u l-għoti ta' rifużjoni ta' esportazzjoni u rrevoka r-Regolament (KEE) Nru 1544/79;

Billi minn spezzjoni rriżulta li l-verżjoni ġermaniża ta' dak ir-Regolament ma taqbilx mal-miżuri mibgħuta lill-Kumitat ta' Ġestjoni għall-opinjoni tiegħu: billi l-verżjoni ġermaniża għandha għaldaqstant terga' tiġi ppubblikata kollha kemm hi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-verżjoni ġermaniża waħedha hija applikabbli.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ mill-jum tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu japplika mis-17 ta' Awissu 1992.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Novembru 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 49.
[3] ĠU L 227, tal-11.8.1992, p. 12.